# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tlettax-il laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 4 ta' Mejju 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta ta' filgħaxija (6.00pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier (attenda fis-6.19pm) |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku (attenda fis-6.05pm) |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnax-il (12) laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 20 ta' April 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

2.2 Il-Kunsillier Domenic Spencer xtaq jagħmel osservazzjoni sabiex fil-minuti jkun hemm mniżżel fi x'ħin l-Kunsilliera jidħlu u joħorġu waqt il-laqgħa.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li l-Monument taċ-Ċentinarju ħariġlu l-permess.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li fil-Konferenza li huwa flimkien mal-Kunsillier Domenic Spencer attendew ġewwa l-belt ġemellata mal-Marsa, Bridgwater, il-Kunsill Lokali Marsa ġie milqugħ tajjeb ħafna u fejn fil-laqgħa aktar 'il quddiem se jkun qed jipproponi

li l-Kunsill jorganizza ġimgħa ta' attivitajiet fejn għandhom jiġu mistiedna l-Kunsill ta' Bridgwater kif ukoll il-lokalitajiet li huma ġemellati ma' din l-istess belt Ingliża.
F'dan l-istadju tal-laqgħa, fis-6.05pm attenda l-Viċi-Sindku Josef Azzopardi.

## 4. ***Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-21 ta' April 2016 sal-4 ta' Mejju 2016.***

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-MEPA dwar informazzjoni li l-fond tal-UIF disponibbli għal-lokalita huwa ta' Eur81,278.88.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bħala tweġiba għall-mistoqsija li kienet saret mill-Kunsill dwar meta kienu se jiġu installati ż-żewġ postijiet b'WIFI b'xejn, dan huwa maħsub li jkun lest sal-aħħar ta' Ġunju.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq ittra mibgħuta mid-Diparitment tal-Gvern Lokali permezz ta' Memo 11/2016 fejn il-Kunsilli Lokali ġew imħeġġa biex jagħmlu użu mis-servizz ta' għaqdiet mużikali lokali fejn f'offerti li jinħarġu dawn jistgħu jingħataw l-fakulta' tar-"Right of First Refusal".

4.5 Intant il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa lill-Kunsill li ġie infurmat li wara li l-Enemalta tefgħet l-applikazzjoni dwar in-niċċa tad-Duluri , din ġiet rifjutata. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jivverfika dan u dwar x'kienet ir-raġuni.

## 5. ***Schedule of Payments 05/16***

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. ***Purchase Order 4228 - 4234***

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4219 sa 4227 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Purchase Request  3204 - 3210***

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3141 sa 3152 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi-Sindku is-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. ***Twaqqif ta' Librerija tal-Istorja Lokali***

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li jixtieq jipproponi li l-kunsill jikkrea librerija dwar l-istorja tal-Marsa, liema librerija tkun fil-bini tal-Kunsill.

8.2 Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issuġġerixxa biex din il-librerija għandha tkun bil-faċilita' onlajn sabiex wieħed ikun aktar faċli jagħmel ir-riċerka tiegħu.

8.3 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi offra li jiltaqa' mal-membri tas-Soċjeta Storika Marsa sabiex jara jekk jkunux lesti jgħinu fil-kreazzjoni ta' din il-librerija.

8.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono issuġġerixxa li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jibda billi jinforma lill-għaqdiet biex kull min ikollu materjal biex jiġi arkivjat f'din l-librerija jibda jibgħatu lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għandu jevalwa l-possibilta' li jkollu sistema onlajn biex tikkumplimenta din il-librerija.

F'dan l-istadju, fis-6.19pm attenda għal-laqgħa l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit.

## 9. ***Attivita' għall-kommemorazzjoni tal-10 Anniversarju tal-Ġemellaġġ ma' Bridgwater***

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega fejn waqt iż-żjara li huwa għamel fi Bridgwater, ġie mistoqsi dwar jekk il-Kunsill Lokali Marsa huwiex se jkun qed jagħmel xi attivita' biex jikkomemora l-10 anniversarju tal-ġemellaġġ.

9.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza kunċert u wirja tal-arti.

9.3 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer issuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza ġimgħa ta' attivitajiet għax huwa persważ li hawn għaqdiet li huma lesti li jipparteċipaw f'attivita' simili.

9.4 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issuġġerixxa li l-attivita' għandha tibda mill-Knisja ta' Maria Reġina u tibqa' sejra sal-Knisja tat-Trinita, fejn ikun hemm diversi attivitajiet mtellgħa mill-għaqdiet lokali kollha. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill għandu jinvolvi lill-Open Centre bħala sens ta' integrazzjoni.

F'dan l-istadju, fis-6.40pm l-Kunsillier s-Sur Frank Zammit skuża ruħu mil-laqgħa.

9.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li l-programm tal-attivitajiet ikun mifrux bejn l-24 u 30 t'Ottubru, fejn għandhom jiġu mistiedna l-ħames Kunsilli Lokali barranin, filwaqt li f'laqgħat aktar 'il quddiem il-Kunsill għandu jressaq programm ta' attivitajiet. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.
F'dan l-istadju, fis-6.46pm l-Kunsillier s-Sur Frank Zammit irritorna għal-laqgħa.

9.6 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer ippreżenta rikkonoxximent li ġie mogħti lill-Kunsill u ppreżentat lilu waqt il-parteċipazzjoni tiegħu fil-Konferenza organizzata minn Bridgwater, fejn spjega li huwa attenda għall-Fiera tal-ikel tradizzjonali esebit mill-Kunsilli parteċipanti, għall-Kunċert, u għal ċerimonja ta' tħawwil ta' siġar nazzjonali fejn huwa ħawwel il-pjanta nazzjonali maltija b'pala speċjali li l-aħħar li ntużat kienet mill-Prinċep William. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit irringrazzja lis-Sur Spencer partikolarment tal-ġest tiegħu li tella' l-bandiera Maltija u dik tal-Marsa hekk kif wasal Bridgwater.

## *10. Kompetizzjoni għat-tfal*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona biex il-Kunsill jorganizza kompetizzjoni għat-tfal b'rabta ambjentali u kreattivita'. Il-Kunsill qabel unanimament li jitkellem mal-Iskola Primarja sabiex tiġi organizzata kompetizzjoni għat-tfal dwar ġbir ta' tappijiet fix-xhur tas-Sajf, li jingħataw lill-Iskola wara s-Sajf, filwaqt li ssir kompetizzjoni oħra relatata ma' kreattivita'.

10.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li bħala premjijiet jingħataw vouchers ta' kotba u tablet. Il-Kunsill approva unanimament.

10.3 Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issuġġerixxa li tiġi organizzata Sports Day. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill għandu jkellem lill-għaqda lokali tal-atletika dwar din il-possibilita' li tiġi organizzata Sports Day.

## *11.Patching fi Triq il-Marsa ħdejn Paul's Bar*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-proposta biex il-Kunsill iqabbad il-kuntrattur jagħmel patching ta' Triq il-Marsa ħdejn Paul's Bar. Il-Kunsilliera qablu unanimament.

11.2 Intant, il-Kunsilliera għandhom jgħaddu xi postijiet fejn jeħtieġu patching lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex il-kuntrattur ikollu programm ta' xogħol ta' patching.

## *12. Tiġdid tal-kuntratt tal-impjegata Part-Time*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona biex il-Kunsill jestendi l-kuntratt tal-impjegata *Part-time* li se jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju għal sitt xhur oħra, u dan peress li l-Kunsill għadu mingħajr Segretarju Eżekuttiv *full-time*.

12.2 Il-Kunsill approva unanimament li jestendi dan il-kuntratt b'sitt xhur oħra.

## 13. *Stedina lill-Kumitat tal-Marsa Football Club*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex il-Kunsill jistieden lill-Kumitat tal-Marsa Football Club anke fl-okkażjoni tar-rebħ tal-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni.

13.2 Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' dan il-Kumitat fejn għandu jżomm kuntatt permezz ta' laqgħat regolari kif ukoll ma' klabbs sportivi oħrajn li jirrappreżentaw lill-lokalita'.

## 14. *Tweġibiet għall-mistoqsijiet ippreżentati mill-Kunsilliera*

14.1 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab biex issir mera fi Triq Azzopardi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill diġa ħareġ il-works order biex din issir.

14.2 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab biex tiġi rranġata l-bankina ta' Triq is-Sebħ. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill se jibgħat lill-kuntrattur biex jara x'intervent jista' jagħmel.

14.3 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ġibed l-attenzjoni li fi Triq Assunta hemm kaxxa safra tal-Unloading li meta jipparkjaw fiha vetturi kbar jgħattu il-mera li hemm mwaħħla eżatt warajha b'detriment li s-sewwieqa ma jkunux jistgħu jaraw t-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill għandu jipprova jkabbar il-linji sofor fil-kantuniera għaliex dak eżistenti huwa wieħed qasir u wara l-Kunsill jara jekk din il-problema tissolvix.

14.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li saru linji sofor ġodda twal ħafna fejn il-Bus Stop ta' Triq Dicembru 13. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li għandu jivverifika dan u fil-każ tittieħed azzjoni skont ir-regolamenti tat-traffiku.

## 15. *Aġġornament tal-Laqgħa*

15.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 1 ta' Ġunju 2016 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (7.15pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

DATA: 4 ta' Mejju 2016